# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Numru 99/13**

**Doreen Mizzi**
**(ID 285651 M)**

**vs**

**Avukat Generali u Anthony Aquilina (ID 963948 M), Martin Aquilina, Mario Aquilina u Rita Chetcuti**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-16 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti Doreen Mizzi sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera datata it-23 ta' Novembru, 2011, il-fond numru 169, *"Rose"*, Rue D'Argens, Msida, mikri mir-rikorrenti odjerna nghata lura lis-sidien l-intimati odjerni Aquilina u Chetcuti;

1.2. Illi fil-proceduri mehuda fl-imsemmi Bord ir-rikorrenti qatt ma giet notifikata skont il-ligi:

1.3. Illi r-rikorrenti tilfet il-kawza quddiem l-imsemmi Bord u saret taf biha biss wara li kienet infurmata b'ittra normali biex tivvaka l-istess fond;

1.4. Illi r-rikorrenti odjerna kienet hemm biss notifikata *ai termini* tal-artiklu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.5. Illi l-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jikser id-dritt ta' smiegh xieraq;

1.6. Illi ghalhekk l-atti rilevanti tal-kawza mehuda fl-imsemmi Bord huma nulli *stante* li dawn kissru id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti odjerni, senjatament;

1.6.1. Id-dritt taghha ghal smiegh gust kif sancit bl-artiklu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6.2. Ir-regoli tal-gustizzja naturali – precizament l-obbligu *audi alteram partem*, billi ma thallietx issemmi lehena;

1.7. Illi *nonostante* li l-istess rikorrenti odjerna talbet ghar-ritrattazzjoni tal-kawza quddiem l-istess Bord, din it-talba giet respinta, u konsegwentement, giet michuda mid-dritt funamentali taghha li tiddefendi ruhha fi proceduri legali u dan, bi ksur tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artiklu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 fuq citat;

1.8. Illi ma jirrizulta li hemm l-ebda gustifikazzjoni fir-rigward biex ir-rikorrenti odjerna tigi pprivata mid-drittijiet fundamentali taghha fuq riferiti;

1.9. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddeciedi li fil-procedura in dizamina quddiem il-Bord *de quo* gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti rigwardanti:

1.9.1.i. Is-smiegh xieraq kif sancit mill-artiklu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 fuq riferit;

1.9.1.ii. Ma gewx osservati r-regoli tal-gustizzja naturali, partikolarment l-obbligu ta' *audi alteram partem*;

1.9.1.iii. Illi n-notifika *ai termini* tal-artiklu 187(3) tal-Kap 12 fuq riferit tikser id-dritt ghas-smiegh xieraq tar-rikorrenti;

1.9.1.iv. Illi l-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta tiddiskrimina kontra r-rikorrenti *stante* toffri biss il-possibilita` ta' ritrattazzjoni fic-cirkostanzi stabbiliti fl-artiklu 42 tal-istess Kap, u dan, bi ksur tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artiklu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 fuq citat;

1.9.1.v. Illi taghti kull rimedju xieraq u opportun fir-rigward;

1.9.1.vi. Illi tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza deciza mill-imsemmi Bord datata t-23 ta' Novembru, 2011;

1.9.1.vii. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom biex ihallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq biex jaghmel tajjeb:

1.9.1.vii.a. Ghall-lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha;

1.9.1.vii.b. Ghad-danni materjali minnha sofferiti;

1.9.1.vii.c. Ghad-danni morali minnha subiti;

1.9.1.viii. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali datata d-9 ta' Jannar, 2014, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

2.1. Illi *stante* li l-procedura in dizamina tirrigwarda notifika b'att gudizzjarju *ai termini* tal-artiklu 187(3) tal-Kap 12 fuq riferit, ghandu jigi kjamat in kawza ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali;

2.2. Illi fil-mertu jirribadixxi li fil-procedura rikriminata mir-rikorrenti ma sar l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tal-istess rikorrenti, u dan *stante*:

2.2.1. Illi r-rikorrenti ghandha ggib il-prova necessarja dwar l-allegat nuqqas ta' notifika *ai termini* tal-artiklu 187(3) tal-Kap 12 fuq riferit;

2.2.2. Illi l-qrati involuti imxew korrettement u skond il-ligi;

2.2.3. Illi l-artiklu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jilledix l-artikli 6 u/jew 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u hu intiz biex jipprotegi l-interessi ta' terzi biex minn ikun involut ikun jista` jiddefendi l-interessi tieghu u b'hekk jigu anke salvagwardati il-principji ta' smiegh xieraq u *audi alteram partem*;

2.2.4. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm esposta, awtorizzat lill-intimati l-ohra biex jipprezentaw ir-risposta taghhom fit-terminu hemm stipulat, (ara foll 31);

4.0. Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra datata l-11 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

4.1. Illi l-procedura odjerna hi premature *stante* li ghad hemm appell pendenti sussegwenti ghat-talba ta' ritrattazzjoni, u konsegwentement ir-rikorrenti ghada ma ezawrietx ir-rimedji kollha ghad-disposizzjoni taghha;

4.2. Illi bhala semplici cittadini m'ghandhom qatt jinzammu responsabbli ghal xi ligi li allegatament tikser xi dritt fundamentali tal-bniedem;

4.3. Illi in effetti r-rikorrenti qeghda tilmenta biss mill-ligi partikolari u mill-operat tal-istess, u mhux mill-eghmil tal-intimati *de quo*;

4.4. Illi ghalhekk l-intimati odjerni ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

4.5. Illi l-artiklu 187(3) tal-Kap 12 jizgura li kulhadd jinghata smiegh xieraq *stante* li jkun accertat li persuna li ma tinstabx bil-mezzi ordinarji tan-notifika tkun xorta notifikata;

4.6. Illi fin-nuqqas ikun ferm facli li wiehed jevadi n-notifika t'att tal-qorti;

4.7. Illi ghalhekk l-artiklu *de quo* ma jiksirx id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq;

4.8. Illi ghaldaqstant, l-intimati odjerni jitolbu li din il-qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez;

5. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-istess, awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 214);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-5 t'Awwissu, 2015, (ara foll 216), dik tal-intimati Aquilina u Chetcuti datata z-19 t'Ottubru, 2015, (ara foll 224), u dik tal-intimat Avukat Generali datata l-20 t'Ottubru, 2015, (ara foll 228);

7. Semghet lix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant tal-partijiet prezenti fl-udjenza appozitament rizervata ghal dan il-ghan, (ara foll 237);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

10.1. Illi l-Bord *de quo* ppronunzja s-sentenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet Aquilina et vs. Mizzi fit-23 ta' Novembru, 2011, (ara foll 113);

10.2. Illi permezz tal-istess, wara li kkonkluda li l-fond in dizamina, senjatament dak bin-numru 169, Rue d'Argens, Msida, ma kienx qed jintuza, laqa` t-talba tar-rikorrenti hemm indikati u awtorizzhom jirriprendu l-pussess tal-istess fond, (ara foll 116);

10.3. Illi sussegwentement l-istess Bord kien gie wkoll mitlub jirriezamina l-istess procedura wara talba ghar-ritrattazzjoni, liema talba giet pero` respinta ghar-ragunijiet hemm esposti bid-decizjoni tal-istess Bord datata t-28 ta' Novembru, 2013, (ara foll 181);

11. Illi d-decizjoni indikata fil-paragrafu precedenti tirrizulta li ghadha pendenti l-appell, (ara foll 190);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-procedura odjerna hi pero` wahda ta' natura kostituzzjonali fejn r-rikorrenti qed tilmenta mis-segwenti:

12.1. Nuqqas ta' smiegh xieraq;

12.2. Ma gietx osservata l-gustizzja naturali fil-konfront taghha;

12.3. L-artiklu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta lledielha d-dritt taghha ghal smiegh xieraq;

12.4. Il-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta joffri biss il-possibilita` ta' ritrattazzjoni fic-cirkostanzi stabbiliti fl-artiklu 42 tal-istess Kap;

Ikkunsidrat:

13. Illi jirrizulta li fil-procedura originali quddiem il-Bord *de quo* r-rikorrenti kienet biss notifikata bl-istess a bazi tal-artiklu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu inutilment ezawriti l-possibilitajiet l-ohra kontemplati fl-istess artiklu;

14. Illi effettivament, *nonostante* is-suespost, ir-rikorrenti ssostni li ma gietx notifikata bil-procedura *de quo*;

15. Illi konsegwenza tal-istess issostni allura li qatt m'inghatat l-opportunita` li tikkontesta t-talbiet hemm indirizzati fil-konfront taghha;

16. Illi ghalhekk, issosstni li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha fuq elenkati;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi fid-dawl tar-rizultanzi esposti fl-atti tal-procedura odjerna jista` sintetikament jinghad is-segwenti:

17. A. **L-artiklu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**:

17.A.1. Illi fl-atti quddiem il-Bord *de quo* jirrizulta li l-marixxall involut ghamel tlett (3) tentattivi biex jinnotifika lir-rikorrenti odjerna bil-procedura hemm indikata, (ara foll 58, 61, 65 u 211);

17.A.2. Illi in effetti jirrizulta assodat li r-rikorrenti ftit li xejn kienet tabita fir-residenza in dizamina, 169, Rue D'Argens , Msida, (ara foll 40 u 205);

17.A.3. Illi r-rikorrenti fil-proceduri mehudin fil-Bord *de quo* Aquilina u Chetcuti kellhom ghalhekk necessarjament jirrikorru ghall-procedura specjali indikata fl-artiklu 187(3) tal-Kap 12 fuq riferit, *stante* li l-fond in dizamina jirrizulta li kien battal;

17.A.4. Illi n-notifika *ai termini* tal-artiklu 187(3) tal-Kap 12 fuq indikat kienet wahda regolari, (ara foll 68), u kienet ukoll regolarment ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u f'zewg (2) gazzetti ohra lokali skont il-ligi, (ara foll 69, 73 u 74);

17.A.5. Illi rizultat tal-istess, ma jirrizulta li kien hemm xejn irritwali fir-rigward;

17.A.6. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ma gietx notifikata ma tistax tigi suffragata *stante* li l-presunzjoni legali stabbilita permezz tal-artiklu 187(3) tal-Kap 12 *de quo* gie regolarment sancita;

17.A.7. Illi kif irriteniet il-***Qorti tal-Appell Civili fis-sentenza taghha Bergedhal nomine vs. Formosa datata s-6 ta' Mejju, 2011***:

> "Id-diversi mezzi ta' pubblicita` li tipprovdi l-ligi gew maghmula biex jindikaw, *iuris et de iure*, notifikat personali, u darba dak li trid il-ligi gie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax tahrab mill-effetti tal-istess"

17.A.8. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li filwaqt li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi sancit skont il-ligi, meta wahda mill-partijiet ma tkunx tista tigi notifikata bil-procedura normali mahsuba, il-proceduri inizjati xorta wahda ma jigux stultifikati;

17.B. **Smiegh Xieraq**:

17.B.1. Illi kif ritenut mill-**Qorti tal-Appell Civili fil-kawza numru 463/2002 fl-ismijiet Tonna et vs. Zerafa**;

> "Id-disposizzjoni ezaminata hi certament u essenzjalment ukoll, wahda ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghha jigi accertat illi l-persuna notifikata tibbenefika kif jixraq minnha fil-harsien tad-dritt fundamentali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. In generali sservi wkoll l-andament kif imiss u kif mistenni tas-sistema processwali kollu";

17.B.10. Illi la jirrizulta li l-formalitajiet kollha tal-artiklu 187(3) tal-Kap 12 *de quo* gew validament esegwiti, allura din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li ssosstni li n-notifika li saret kienet effettivament valida u kien biss l-agir tar-rikorrenti stess, wara tali notifika, li kkagunala d-disgwid minnha riskontrat;

17.C. **Ritrattazzjoni**:

17.C.1. Illi r-rikorrenti tilmenta li *stante* li kwistjonijiet fuq in-notifika tal-atti gudizzjarji ma jiffigurawx bhala raguni valida li fuqha jista` jiskatta l-istitut ta' ritrattazzjoni, allura dan hu leziv id-drittijiet fundamentali taghha;

17.C.2. Illi kif irriteniet il-***Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Muscat et vs. Onorevoli Prim Ministru, datata l-31 ta' Lulju, 2000***:

> "L-istitut ta' ritrattazzjoni jipprovdi rimedju ultimissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop li jigu ratifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikat u b'hekk tigi evitata *miscarriage of justice* u tinsab gustizzja sostanzjali ghall-partijiet. Il-ligi pero` tirrespingi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-ligi. Inoltre, il-ligi timponi certi kondizzjonijiet ghall-ezercizzju tal-istess rimedju li wiehed hu mistenni josservhom skrupolozament";

17.C.3. Illi f'dan ir-rigward it-talba tar-rikorrenti ghal ritrattazzjoni mill-Bord *de quo* kienet respinta permezz tas-sentenza datata t-28 ta' Novembru, 2013, (ara foll 181);

17.C.4. Illi in effetti ghandu jirrizulta pacifiku li l-artiklu 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta ma jippermettix ritrattazzjoni fejn il-kawzali ghall-istess tkun ibbazata fuq notifika nieqsa, assenti, jew difettuza, kif allegat mir-rikorrenti odjerna;

18.C.5. Illi r-riferenza li r-rikorrenti taghmel ghall-artiklu 811 tal-Kap 12 fuq riferit hi ghal kollox superfluwa u irrilevanti, *stante* li l-ligi applikabbli f'dan ir-rigward hi esklussivament dik elenkata fil-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, u xejn aktar;

17.C.6. Illi *di piu`*, jigi wkoll hawn sottolineat li n-notifika rikriminata mir-rikorrenti odjerna ma jirrizultax li kienet b'xi mod difettuza u ghalhekk kienet wahda regolari, valida u vinkolanti;

17.C.7. Illi kif ritenut mill-***Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Testaferrata Moroni Viani et vs. Vella, datata l-24 ta' Settembru, 2004***:

> "Ir-Rimedju ta' ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju, bil-procedura tkun applikabbli biss fil-kazijiet espressament kontemplati fil-ligi li, gie ritenut, jridu jinghataw interpretazzjoni strettissima u litterali";

Ikkunsidrat:

18. Illi ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost din il-qorti ma tqisx li fil-proceduri riferiti mir-rikorrenti gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha kif minnha allegat;

19. Illi *di piu`*, in vista tal-premess, lanqas jirrizulta li r-rikorrenti odjerna sofriet xi forma ta' diskriminazzjoni ghaliex ma jirrizultax li rceviet xi trattament differenti minn xi persuna ohra li kienet tinsab fl-istess cirkostanzi taghha hawn skrutinizzati;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Doreen Mizzi m'ipprovatx il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

20.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

20.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Doreen Mizzi.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**